

# Fil-150 mid-Domma ta' l-Immakulata



## It-Tnissil bla Tebgħa ta' Marija Verità tal-Fidi tagħna li ġiet Iddikjarata fit-8 ta' Diċembru 1854 mill-Papa Piju IX.

Kitba tal-Kan. Jos. Bonello, Direttur Spiritwali

Fl-istorja tal-Kult Marjan, tlieta huma d-dati importanti: **22 ta' Ġunju, 431, 8 ta' Diċembru, 1854** u **l-1 ta' Novembru, 1950.** Fit-22 ta' Ġunju, 431 ġiet proklamata d-**Domma tal-Maternità tal-Madonna,** jiġifieri li Marija mhux biss Omm Ġesù bħala bniedem, iżda hija Omm Ġesù bħala Alla, ***Mater Dei.*** Dan ġara fil-**Konċilju ta' Efesu.** It-tieni data, dik tat-8 ta' Diċembru, 1854 meta l-**Papa Piju IX** għamel bħala Domma tal-Fidi l-**Immakulat Konċepiment tal-Madonna** u l-aħħar data, dik ta' l-1 ta' Novembru, 1950 meta l-Papa Piju XII **iddefinixxa l-Assunzjoni ta' Marija** jiġifieri li l-Madonna ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Dawn id-dati sbieħ, żgur li jqajmu entużjażmu kbir fid-devoti tal-Madonna, imma billi din is-sena jaħbat il-**150 sena mid-Domma ta' l-Immakulata,** ser ngħid fil-qosor l-istorja tad-Domma li hija tant għażiża għall-qalb tagħna l-Maltin u l-Għawdxin, devoti ta' Marija Immakulata.

### L-Ewwel Żminijiet tal-Knisja

Fl-ewwel żminijiet tal-Knisja matul l-ewwel 500 sena, il-Madonna, sew fil-Lvant kif ukoll fil-Punent, kienet miżmuma bħala **t-Tieni Eva mimlija b'kull grazzja u kull qdusija.** Maż-żmien, iżda, l-Knisja tal-Lvant u l-Knisja tal-Punent ma baqgħux jaqblu sewwa bejniethom għax filwaqt li t-tagħlim u t-twemmin fit-tnissil bla tebgħa tad-dnub tal-Madonna baqa' miexi u jiżdied qalb l-Insara tal-Lvant, fil-Punent it-tagħlim dwar il-Kunċizzjoni baqa' fejn kien. Tant hu hekk li fil-Punent kien biss wara d-disgħa seklu li bdiet tiġi ċċelebrata il-festa tal-

Kunċizzjoni fil-Belt ta' Napli. Fis-seklu XI, imbagħad l-isqfijiet ta' l-Ingilterra u tan-Normandija bdew kull sena jiċċelebraw il-festa tal-Kunċizzjoni. Hekk bdiet tinxtered ukoll ma' l-Ewropa kollha.

## It-Teologi jakkużaw lil xulxin bl-Ereżija

Għalkemm il-festa tal-Kunċizzjoni bdiet dejjem tikber u tiżdied, **ix-xitan deffes denbu**, tant li l-Papiet fosthom Pawlu V u Girgor XV kellhom jindaħlu kemm-il darba biex iżommu ċertu ekwilibriju u ma jħallux ċerti teologi jakkużaw lil xulxin bl-ereżija. Dan ġara għaliex xi għorrief magħrufa u devotissimi tal-Madonna bħal **San Bernard, San Bonaventura, San Albertu l-Kbir u ukoll il-Kbir San Tumas t'Aquino, il-festa tal-Kunċizzjoni tathom fastidju** u ma qablux mat-tagħlim dwar it-tnissil bla tebgħa tal-Verġni Marija. Dawn it-teologi kienu jżommu li l-Madonna ġiet imnaddfa mill-ħtija tan-nisel mhux fit-tnissil tagħha, iżda qabel ma twieldet meta kienet għadha fi ħdan ommha, kif ġara lil San Ġwann Battista.

## Il-Beatu Ġwann Duns Scotus

Iżda din il-kontroversja kollha qanqlet ukoll kuraġġ kbir fost it-teologi favur il-Kunċizzjoni. Ħafna bdew isemmgħu leħenhom fl-iskejjel u fil-knejjes u xi wħud minn dawn il-ħbieb ta' l-Immakulata għamlu wegħda li jiddefendu anke bit-tixrid ta' demmhom dan il-privileġġ singulari tal-Madonna. L-ordni Franġiskan kien minn ta' quddiem f'din id-difiża Marjana, fosthom l-aqwa duttur tal-Knisja, **il-Beatu Duns Scotus,** żagħżugħ Skoċċiż li fid-disputi tiegħu ġewwa Cologne u Pariġi fil-bidu tas-seklu XIV ma qagħadx jintilef f'ħafna argumenti tat-teoloġija, imma wera ċar li ma kien jixraq qatt li Omm Alla kellha tkun imqar għal ħin wieħed biss imtebbgħa bid-dnub u bint u l-Isira tad-demonju.

Ma għaddiex żmien twil u l-biċċa l-kbira tat-teologi bdew jaqblu ma' Scotus, mhux biss, imma l-Università ta' Sorbonne bdiet iċċanfar u tikkundanna lil dawk li kienu għadhom iżommu t-tagħlim kuntrarju.

## Il-Knisja siekta

Wara medda ta' snin, bil-mod il-mod, id-diskussjoni dwar it-tnissil bla tebgħa ta' Marija bdiet tibred, iżda xxaqilbet ħafna favur dan il-privileġġ Marjan. Beda jissaħħaħ dejjem iżjed ukoll il-moviment favur id-definizzjoni dommatika ta' din il-verità.

B'danakollu l-knisja baqgħet siekta, għax, meta jidħol fin-nofs xi tagħlim ta' ħtieġa kbira, bħalma kien dan il-privileġġ ta' Marija, il-Knisja ma taqtagħhiex kif ġieb u laħaq. Il-Knisja fis-skiet tagħha tkun qed tgħasses u titkixxef dwar dak li jkun qed isir, jingħad u jinkiteb. Imbagħad meta jasal iż-żmien tiftaħ fommha u l-kelma tagħha tkun il-kelma ta' l-aħħar.

Għaddew snin twal, imma kien il-**Papa Sistu IV** li fl-**1476** għaraf mill-ġdid il-Festa tal-Kunċizzjoni. Ħafna universitajiet kattoliċi bdew jiddefendu t-tagħlim ta' l-Immakulat Konċepiment, u l-Ġiżwiti u iktar il-Franġiskani komplew ixerrdu dan it-tagħlim Marjan. Ma' dawn ingħaqdu ħafna isqfijiet u Nsara. Twaqqfu Ordnijiet Reliġjużi u konfraternitajiet bl-isem tal-Kunċizzjoni. Ftit wara ġiet approvata l-kelma **IMMAKULATA** b'riferenza għall-Kunċizzjoni, u fit-talb bdiet tingħad **"O Marija mmissla mingħajr tebgħa, itlob għalina li nirrikorru lejk". Fil-litanija** żdiedet **"Sultana mnissla mingħajr tebgħa, itlob għalina".**

Wara, mbagħad, bid-**dehra tal-Midalja Mirakoluża f'Pariġi fl-1830,** tneħħa l-aħħar tfixkil li kien għad fadal fit-triq għad-definizzjoni dommatika.

## *Roma locuta est,* Ruma tkellmet

**X'kien jonqos mela biex dan it-tagħlim isir domma tal-fidi?** Kien jonqos biss il-kelma aħħarija tal-Papa. U din il-kelma setgħana nstemgħet tidwi f'Ruma fit-**8 ta' Diċembru, 1854,** meta l-Papa Piju IX iddikjara li Marija **sa mill-ewwel waqt tat-tnissil tagħha ġiet meħlusa minn kull tebgħa tad-dnub u għalhekk IMMAKULATA.**

Bil-bulla ***Ineffabilis Deus*** il-Papa stqarr fost ħwejjeġ oħra, li l-Insara għandhom jemmnu b'fidi sħiħa u għal dejjem li t-tagħlim li jżomm li Marija bi grazzja singulari u bi privileġġ għaliha, sa mill-ewwel waqt tat-tnissil tagħha kienet imħarsa bla mittiefsa minn kull tebgħa tad-dnub oriġinali.

Dan ifisser li Marija ġiet meħlusa mill-ħtija, hekk li qatt ma waqgħet fiha, u dan kollu bis-saħħa tal-ġrajja ta' Kristu Redentur, u bi privileġġ singulari u għalhekk tissejjaħ **"il-frott l-aktar bnin għall-grazzja tal-fidwa".**

## L-Immakulata f'Lourdes

Biex ma jibqa' ebda dubju dwar id-domma tal-Kunċizzjoni, il-Madonna stess żiedet twettaq u tikkonferma kelmet il-Papa Piju IX meta dehret ġewwa **Lourdes** u fil-**25 ta' Marzu, 1858** lit-tfajla Bernardina għall-mistoqsija li għamlitilha, il-Madonna weġbitha u qaltilha: **"JIENA JIEN IL-KUNĊIZZJONI IMMAKULATA".**

Hekk dan it-tagħlim dwar l-Immakulata ġie **mħabbar fil-ġnien ta' Eden** bil-kliem **u Jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha u hu jisħaqlek rasek** (Ġen III, 15). Ġie **mwettaq** meta l-anġlu Gabriel deher lill-Madonna ġewwa **Nazaret** fejn il-Madonna qalet **"Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek"** (Lq Kap. 138). Dan it-tagħlim ġie ddikjarat Domma tal-Fidi ġewwa **Ruma** mill-Papa Piju IX fit-**8 ta' Diċembru, 1854** u ssiġillat **f'Lourdes** meta fil-25 ta' Marzu, 1858 lil Bernardina l-Madonna qaltilha **"Jiena jien l-Immakulta Kunċizzjoni".**